



EUROPEAN UNION



**EU
MISSIONS**

RESTORE OUR OCEAN AND WATERS



Ottubru 2024

Verżjoni 1

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess

Assistenza teknika biex tappoġġja lill-komunitajiet ta' atturi ħalli jilħqu l-objettivi tal-Missjoni tal-UE: "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"

Ċiklu 2

STORJA TA' BIDLIET			
Data	Verżjoni	Deskrizzjoni	Paġna
21 ta' Ottubru 2024	1	Verżjoni inizjali tas-Sejħa ta' Interess	

Werrej

Introduzzjoni	5
X'inhi l-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"?	6
Is-sitwazzjoni attwali: l-oċean u l-ilmijiet tagħna	6
Il-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"	6
L-objettivi, il-miri u l-faċilitaturi tal-missjoni	6
Karta tal-Missjoni.....	7
Fanali tal-missjoni	7
L-għan u l-objettivi ta' din is-sejħa	7
Min huma t-tliet komunitajiet fil-mira eliġibbli għall-assistenza teknika?	8
Portijiet	8
Definizzjoni ta' komunitajiet fil-mira eliġibbli.....	8
Tipi eliġibbli ta' atturi.....	8
Eżempji ta' ideat ta' proġetti	8
Sajd	9
Definizzjoni ta' komunitajiet fil-mira eliġibbli.....	9
Tipi eliġibbli ta' atturi.....	9
Eżempji ta' ideat ta' proġetti	10
Gżejjer	11
Definizzjoni ta' komunitajiet fil-mira eliġibbli.....	11
Tipi eliġibbli ta' atturi.....	11
Eżempji ta' ideat ta' proġetti	11
X'qed jiġi offrut?	13
L-Objettivi tal-assistenza teknika	13
Il-benefiċċjital-assistenza teknika	13
Servizzi li għandhom jiġu pprovduti	14
X'inhi l-iskeda ta' żmien?	17
Skeda ta' żmien tal-applikazzjoni	17
Pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-assistenza teknika	17
Min jista' japplika?	20
Kriterji ta' eliġibbiltà	20
Kriterji ta' esklużjoni	21
Kif għandek tapplika? Kif jintgħażlu l-applikanti?	22
Kif għandek tfejji u tissottometti l-formola tal-applikazzjoni	22
Preżentazzjoni tal-formola tal-applikazzjoni u tal-kriterji rilevanti tal-għażla	24
Ħarsa ġenerali lejn il-Formola tal-applikazzjoni	24
Kriterji komuni tal-għażla	25

Il-proċedura tal-għażla	27
<i>Appoġġ ipprovdut lill-applikanti</i>	28
Link għas-sit web tal-Espressjoni ta' Interess.....	28
Link għall-FAQ.....	28
Informazzjoni ta' kuntatt tal-Helpdesk.....	28

Introduzzjoni

L-għan tat-tieni ċiklu tas-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess huwa li tinvolvi, tinforma u tistieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti interessati li jibbenefikaw mill-assistenza teknika offruta permezz ta' din l-iskema ta' appoġġ. Il-parteċipazzjoni tagħhom se tikkontribwixxi għall-oġettivi u l-miri ġenerali tal-Missjoni Oċean u Ilmijiet. Għalhekk, l-approċċ tagħna jagħmel enfasi qawwija fuq li jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jieħdu deċiżjoni infurmata dwar il-parteċipazzjoni u l-eliġibbiltà potenzjali tagħhom kif ukoll biex dawn jiġu ggwidati fil-preżentazzjoni ta' applikazzjoni b'suċċess.

Wara din l-introduzzjoni, is-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess tippreżenta dan li ġej:

- Il-**Kapitolu 2** jiddeskrivi l-informazzjoni ta' sfond dwar il-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna".
- Il-**Kapitolu 3** jippreżenta l-komunitajiet fil-mira eliġibbli għall-assistenza.
- Il-**Kapitolu 4** jiddefinixxi l-oġettivi u s-servizzi tal-assistenza teknika.
- Il-**Kapitolu 5** jiddeskrivi l-iskeda ta' żmien tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni.
- Il-**Kapitolu 6** jippreżenta l-kriterji ta' eliġibbiltà.
- Il-**Kapitolu 7** jenfasizza l-proċedura tal-applikazzjoni.
- Il-**Kapitolu 8** jipprovdi informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli għall-applikanti.

X'inhom l-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"?

Is-sitwazzjoni attwali: l-oċean u l-ilmijiet tagħna

L-ekosistemi tal-ilma ħelu u tal-baħar għandhom rwoli vitali fis-sostenn tal-ħajja fid-dinja u fil-kontribut għall-istabbiltà klimatika. Matul l-aħħar għoxrin sena, l-UE fittxet li tissalvagwardja u tirrestawra l-ekosistemi tal-baħar permezz ta' impenji politiċi u inizjattivi ta' politika. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE żiedet l-ambizzjoni tagħha li tirrestawra l-"idrosfera" permezz ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jimplimentaw użu effiċjenti tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis, kif ukoll il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità.

Il-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"

L-objettivi, il-miri u l-faċilitaturi tal-missjoni

B'rispons għall-isfidi eżistenzjali li għib magħha d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-ilma, il-Missjoni tal-UE "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna" tipprovdi approċċ sistemiku għall-protezzjoni u r-restawr tal-oċeani, tal-ibħra u tal-ilmijiet Ewropej sal-2030. Il-Missjoni għandha l-għan li tirrestawra b'mod komprensiv is-saħħa tal-oċeani permezz ta' approċċ sistemiku, b'enfasi fuq **tlielet objettivi**:

- Il-protezzjoni u r-restawr tal-**ekosistemi u tal-bijodiversità** tal-baħar u tal-ilma ħelu;
- Il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-**tniġġis** tal-oċeani, tal-baħar u tal-ilma; u
- L-iżgurar ta' ekonomija blu sostenibbli newtrali għall-karbonju u ċirkolari.

L-ewwel objettiv jinkludi l-protezzjoni ta' mill-inqas 30% tal-erja tal-Baħar tal-UE filwaqt li jiġu integrati l-kuritur ekoloġiċi, il-protezzjoni stretta ta' 10% tal-erjas tal-baħar tal-UE, ir-restawr ta' 25,000 km ta' xmajjar ġierja, u l-kontribut għall-għanijiet ta' restawr tan-natura li ġejjin, inklużi l-ħabitats ta' qiegħ il-baħar u l-ekosistemi kostali degradati.

It-tieni objettiv jimmira lejn tnaqqis ta' 50% fl-iskart tal-plastik fil-baħar, tnaqqis ta' 30% fil-mikroplastiks rilaxxati, u tnaqqis ta' 50% fit-telf tan-nutrijenti, fl-użu u fir-riskji assoċjati mal-pestiċidi kimiċi.

It-tielet objettiv għandu l-għan li jelimina l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li joriġinaw minn attivitajiet relatati mal-baħar filwaqt li jesplora wkoll il-possibbiltajiet li tiġi sekwestrata kwalunkwe emissjoni inevitabli.

Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-Missjoni implimentat **żewġ faċilitaturi trażversali** mmirati biex jappoġġjawhom:

- sistemi diġitali ta' għarfien dwar l-oċeani u l-ilma; u
- azzjonijiet ta' mobilizzazzjoni u involviment pubbliċi.

Karta tal-Missjoni

Il-Karta hija sejħa mhux vinkolanti għall-partijiet ikkonċernati biex jimpenjaw ruħhom b'mod konġunt għal objettivi li jfittxu l-protezzjoni u r-restawr tal-oċeani, l-ibħra u l-ilmijiet tagħna u jallinjaw l-isforzi biex tinkiseb massa kritika li hija meħtieġa ħafna fil-livell lokali. B'qafas simplifikat, inklużiv u ta' ispirazzjoni li jrawwem il-kooperazzjoni, jgħaqqad ir-riżorsi u jiżviluppa attivitajiet komuni, l-atturi pubbliċi u privati jistgħu jaderixxu billi jissottomettu diversi tipi ta' azzjonijiet:

- Ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- Għarfien u *data* bbażati fuq l-evidenza u/jew dispożizzjonijiet ta' aċċess għall-għarfien u d-data, f'konformità ma' prinċipji FAIR għas-Sistema ta' Għarfien tal-Missjoni dwar l-Oċeani u l-Ilmijiet;
- Iż-żieda, il-varar u r-replikazzjoni tas-soluzzjonijiet;
- L-involviment taċ-ċittadini, ix-xjenza taċ-ċittadini, l-inizjattivi mmexxija miż-żgħażaġħ, il-komunitajiet ta' Prattika, l-għarfien dwar l-oċeani u l-ilma, l-ilħuq, is-sensibilizzazzjoni u l-approċċi parteċipattivi;
- L-educazzjoni u t-taħriġ

Bħalissa, ġew aċċettati **665 azzjoni mwiegħda b'baġit totali ta' EUR 6.10 biljun.**

Fanali tal-missjoni

Il-Missjoni stabbiliet erba' "**fanali**" li huma siti biex jiġu varati, żviluppati u miżjuda soluzzjonijiet innovattivi f'kull baċir tal-baħar/tax-xmajjar: il-kosta tal-Atlantiku/tal-Artiku, il-Baħar Baltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Mediterran, u l-baċir tax-Xmara Danubju.

L-inizjattiva **Marine Blue Parks** tfittex ukoll li tixpruna l-ittestjar u tittestja soluzzjonijiet ġodda għall-estensjoni u t-titjib taż-żoni protetti tal-baħar.

L-għan u l-objettivi ta' din is-sejħa

Is-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess tinvolvi ruħha, tinforma, u tistieden b'mod attiv lill-komunitajiet magħżula ta' atturi (jiġifieri, portijiet, gżejjer, sajd) li jkunu qed ifittxu assistenza teknika għall-proġetti tagħhom li se jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri speċifiċi tal-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna".

Dan il-proċess jiffaċilita l-għażla ta' azzjonijiet li jallinjaw bis-sħiħ mal-Missjoni Oċean u Ilmijiet u li għandhom il-potenzjal li jissalvagwardaw u jirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar. L-assistenza teknika se tiġi pprovduta minn grupp ta' esperti tekniċi bl-appoġġ tas-CINEA u tas-Segretarjat tal-Missjoni. Jekk jogħġbok innota li l-ebda appoġġ finanzjarju dirett mhu se jiġi offrut fl-ambitu ta' dan l-appoġġ għall-assistenza teknika.

Min huma t-tliet komunitajiet fil-mira eliġibbli għall-assistenza teknika?

Portijiet

Definizzjoni ta' komunitajiet fil-mira eliġibbli

Il-komunitajiet fil-mira huma bbażati fuq id-definizzjoni ta' "Port": erja ta' art u ilma, magħmula minn tali infrastruttura u tagħmir biex tippermetti, prinċipalment, il-wasla ta' bastimenti fuq l-ilma, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin tal-merkanzija, il-wasla u l-konsenja ta' dik il-merkanzija u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri, l-ekwipaġġ u persuni oħra u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fl-erja tal-port.

Tipi eliġibbli ta' atturi

L-applikazzjonijiet taħt din il-kategorija huma miftuħa għal:

- Awtoritajiet lokali/reġjonali u/jew korpi simili (eż. reġjuni bħala entitajiet legali, kif ukoll kwalunkwe korp li jirrappreżenta awtorità reġjonali, bħal aġenziji reġjonali, korpi ta' ppjanar reġjonali, awtoritajiet tat-trasport reġjonali, eċċ.);
- L-awtoritajiet tal-port;
- NGOs jew entitajiet ekwivalenti involuti f'attivitajiet ta' żvilupp tal-portijiet; u
- Assoċjazzjonijiet professjonali bbażati lokalment jew involuti f'attivitajiet ta' żvilupp lokali.

Eżempji ta' ideat ta' proġetti

Hawn taħt hija mogħtija lista mhux eżawrjenti ta' ideat possibbli ta' proġetti relatati mal-port abbażi tal-oġettivi tal-Missjoni. Jekk jogħġbok innota li din it-taqsimha hija mfassla biex tispira lil applikanti futuri miż-żoni tal-baċiri kollha (il-Baħar Atlantiku u Artiku, Baltiku u tat-Tramuntana, il-baċir tax-xmara Danubju u l-Baħar Mediterran) billi tippreżenta proġetti potenzjali. Din tikkostitwixxi biss eżempju mhux restrittiv. Se jitqiesu l-proġetti kollha sottomessi li huma konformi mar-rekwiżiti ppreżentati f'din is-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess. Il-proġetti li jiffokaw fuq l-applikazzjoni ta' soluzzjoni rilevanti u diġà eżistenti li ġejjin minn żona ta' baċir oħra, jew li għandhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà/adozzjoni huma mħeġġa wkoll.

- L-implimentazzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-attivitajiet tal-portijiet (it-trattament tal-iskart – l-użu mill-ġdid) għall-provvista tal-portijiet
- L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet li jappoġġjaw ir-reżiljenza kostali b'mod partikolari fir-rigward taż-żieda fil-livell tal-baħar jew avvenimenti estremi
- L-iżvilupp tat-taħlita enerġetika tal-portijiet b'soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (jiġifieri enerġija rinnovabbli, ekoloġika)
- L-iżvilupp/l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet biex tiġi żgurata emissjoni b'livell baxx ta' karbonju u/jew ta' sustanzi niġġiesa (NOx/SOx) (jiġifieri elettrifikazzjoni)
- L-immaniġġjar tal-iskart tal-baħar (tnaqqis tal-iskart fil-baħar u fl-art)

- Miżuri ta' naturalizzazzjoni mill-ġdid (tnaqqis tal-artificalizzazzjoni taż-żona kostali)
- Ir-riabilitazzjoni ekoloġika fl-erjas tal-port
- It-tneħħija ta' Skart u Tifrik ta' Bastimenti fil-Baħar għas-Saħħa tal-Oċean u r-Reżiljenza Kostali
- L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-erjas tal-port u fil-madwar
- L-istabbiliment ta' żoni protetti jew l-involvement ta' azzjonijiet ta' restawr fl-erjas tal-port u/jew fil-madwar tiegħu
- Il-monitoraġġ ambjentali tal-erjas tal-port u tal-madwar biex jitnaqqsu l-impatti tal-attivitajiet tal-portijiet filwaqt li jitqies l-approċċ kumulattiv
- L-iżvilupp ta' azzjonijiet iffokati fuq il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' tniġġis kimiku jew minn nutrijenti
- Id-dekarbonizzazzjoni tal-katina loġistika mit-trasport marittimu lejn l-intern tal-pajjiż.

Sajd

Definizzjoni ta' komunitajiet fil-mira eliġibbli

Il-komunitajiet fil-mira huma l-komunitajiet tas-sajd, il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs), deskritti mill-istrateġiji tal-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD), il-bastimenti tas-sajd, il-produtturi tal-akkwakultura: komunità tas-sajd (komunità kostali) tiġbor atturi tal-UE li joperaw f'erja qrib il-baħar, ix-xmajjar jew fejn l-operazzjonijiet tas-sajd (minn dawk l-aktar tradizzjonali għal dawk aktar industrijali, permezz ta' bastimenti u tagħmir differenti) u/jew l-akkwakultura jirrappreżentaw parti dominanti mill-attivitajiet tal-erja u jlaqqgħu flimkien lill-partijiet ikkonċernati b'rabtiet mill-qrib mal-ambjent tal-baħar.

Fil-kuntest tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, dan il-grupp fil-mira jinkludi komunitajiet fl-erjas tas-sajd jew tal-akkwakultura biex jisfruttaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti mill-ekonomija blu sostenibbli.

Tipi eliġibbli ta' atturi

L-applikazzjonijiet taħt din il-kategorija huma miftuħa għal:

- Awtoritajiet lokali/reġjonali u/jew korpi simili (eż. reġjuni bħala entitajiet legali, kif ukoll kwalunkwe korp li jirrappreżenta awtorità reġjonali, bħal aġenziji reġjonali, korpi ta' ppjanar reġjonali, awtoritajiet tat-trasport reġjonali, eċċ.);
- NGOs jew entitajiet ekwivalenti involuti fil-komunitajiet tas-sajd, fil-Gruppi ta' Azzjoni lokali deskritti mill-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, fis-sajd, u fil-bastimenti tar-riċerka;
- Assoċjazzjonijiet professjonali bbażati lokalment jew involuti f'attivitajiet ta' żvilupp lokali fir-reġjun;
- Sajjieda (jew għal skopijiet kummerċjali jew ta' sussistenza), is-sidien tal-bastimenti tas-sajd, l-operaturi u l-ekwipaġġ, il-proċessuri tal-ħut involuti fl-ipproċessar u fil-preżervazzjoni tal-ħut għad-distribuzzjoni u l-bejgħ u n-negozjanti li jaġixxu bħala intermedjarji bejn is-sajjieda u l-konsumaturi iżda wkoll il-produtturi tal-akkwakultura;

- Il-bastimenti ta' riċerka u l-bastimenti tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż kampjunar kollettiv minn dgħajjes żgħar għall-ġbir tad-*data* dwar l-oċeani u l-ilmijiet li jikkontribwixxu għall-għarfien diġitali dwar l-oċeani u l-ilmijiet u t-Tewmi Diġitali tal-Oċean; u
- Il-konservazzjonisti, ir-riċerkaturi u x-xjenzati tal-baħar li jaħdmu biex jippreżervaw l-ekosistemi tal-baħar, u l-popolazzjonijiet tal-ħut u jistudjaw biex itejbu s-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd iżda wkoll l-aġenziji tal-gvern u l-NGOs li huma involuti fit-tfassil tal-politika, fir-regolamentazzjoni u fl-għoti ta' appoġġ lill-komunitajiet tas-sajd għal prattiki sostenibbli.

Eżempji ta' ideat ta' proġetti

Hawn taħt hija mogħtija lista mhux eżawrjenti ta' ideat possibbli ta' proġetti relatati mas-sajd abbażi tal-oġettivi tal-Missjoni. Jekk jogħġbok innota li din it-taqsima hija mfassla biex tispira lil applikanti futuri miż-żoni tal-baċiri kollha (il-Baħar Atlantiku u Artiku, Baltiku u tat-Tramuntana, il-baċir tax-xmara Danubju u l-Baħar Mediterran) billi tippreżenta proġetti potenzjali. Din tikkostitwixxi biss eżempju mhux restrittiv. Se jitqiesu l-proġetti kollha konformi mar-rekwiżiti ppreżentati f'din is-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess. Il-proġetti li jiffokaw fuq l-applikazzjoni ta' soluzzjoni rilevanti u diġà eżistenti li ġejjin minn żona ta' baċir oħra, jew li għandhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà/adozzjoni huma mħeġġa wkoll.

- L-iżvilupp ta' ġestjoni spazjali u temporali mmexxija mill-partijiet ikkonċernati tal-attivitajiet tas-sajd li jiproteġu l-ekosistemi tal-baħar u tal-ilma ħelu u l-bijodiversità fil-livell lokali
- Il-promozzjoni ta' sajd b'impatt baxx u selettiv li huwa kompatibbli ma' inizjattivi ta' restawr tan-natura tal-baħar
- Il-promozzjoni ta' akkwakultura trofika u multitrofika baxxa integrata
- It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-operazzjonijiet tas-sajd u tal-akkwakultura
- Restawr Integrat tal-Ekosistema Kostali permezz tat-tkabbir tal-alka tal-qiegħ u s-sekwestru tal-karbonju
- It-tnaqqis tal-użu u t-telf tal-plastik fl-operazzjonijiet tas-sajd u tal-akkwakultura. (L-identifikazzjoni u l-immappjar tal-iskart fil-baħar bl-użu kkombinat tal-UAS u tal-metodi ta' tagħlim awtomatiku biex jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-partijiet ikkonċernati abbażi tad-densità tal-iskart)
- Inizjattivi għall-protezzjoni u r-restawr tas-sajd u l-portijiet lokali, bħall-istabbiliment ta' mfaqqas biex ikunu rripopolati l-istokkijiet tal-ħut – b'mod partikolari għal speċijiet li huma sfruttati żżejjed jew mhedda – jew ir-rivitalizzazzjoni ta' portijiet żgħar permezz ta' titjib sostenibbli fl-infrastruttura, biex jissaħħaħ ir-rwol tagħhom bħala ċentri għas-sajd lokali, it-turiżmu u l-attività ekonomika.
- L-iżvilupp ta' inizjattivi tax-xjenza taċ-ċittadini li jiġbru *data* xjentifika li tista' tappoġġja l-ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-evidenza u l-konservazzjoni tal-baħar
- Soluzzjonijiet diġitalizzati innovattivi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-ikel biex tiġi appoġġjata l-katina tal-provvista kiesħa tal-ħut
- Ġestjoni tal-Baċiri tal-Iskular u taż-Żona Kostali biex Jitnaqqas it-Tniġġis Kimiku u minn Nutrijenti
- L-iżvilupp ta' prodotti innovattivi tal-frott tal-baħar li jippromwovu l-konsum ta' materjali tal-ħut li ġew injorati, filwaqt li jiksbu "skart żero" b'approċċ li jirrispetta l-bijodiversità

- Teknoloġiji innovattivi (jiġifieri robotika) biex jissaħħu l-produttività, il-kwalità u jiġu mmonitorjati l-ispeċijiet u l-iskart, fid-dawl tal-proċess tal-ekonomija ċirkolari

Gżejjer

Definizzjoni ta' komunitajiet fil-mira eliġibbli

Il-komunitajiet fil-mira huma bbażati fuq id-definizzjoni ta' "Gżejjer": it-tipoloġija tal-gżejjer hija applikata fil-livell tar-reġjuni. Ir-reġjuni insulari huma definiti bħala reġjuni tal-livell 3 tan-NUTS fl-Unjoni Ewropea li huma kompletament magħmula minn gżira waħda jew aktar. Il-komunitajiet tal-"Gżejjer" huma dawk li jgħixu f'territorji li għandhom:

- superfiċe minima ta' 1 km²;
- distanza minima bejn il-gżira u l-kontinent ta' kilometru;
- popolazzjoni residenti ta' aktar minn 50 abitant; u
- l-ebda rabta fissa (pereżempju, pont, mina, jew imbankment) bejn il-gżira/gżejjer u l-kontinent.

Tipi eliġibbli ta' atturi

Fis-sejħa, l-applikazzjonijiet taħt din il-kategorija huma miftuħa għal:

- awtoritajiet lokali/reġjonali u/jew korpi simili (eż. reġjuni bħala entitajiet legali, kif ukoll kwalunkwe korp li jirrappreżenta awtorità reġjonali, bħal aġenziji reġjonali, korpi ta' ppjanar reġjonali, awtoritajiet tat-trasport reġjonali, eċċ.);
- NGOs jew entitajiet ekwivalenti involuti f'attivitajiet ta' żvilupp lokali; u
- assoċjazzjonijiet professjonali bbażati fuq il-gżira partikolari jew li huma involuti f'attivitajiet ta' żvilupp lokali tal-gżira.

Eżempji ta' ideat ta' proġetti

Hawn taħt hija mogħtija lista mhux eżawrjenti ta' ideat possibbli ta' proġetti relatati mal-gżejjer abbażi tal-oġettivi tal-Missjoni. Jekk jogħġbok innota li din it-taqsima hija mfassla biex tispira lil applikanti futuri miż-żoni tal-baċiri kollha (il-Baħar Atlantiku u Artiku, Baltiku u tat-Tramuntana, il-baċir tax-xmara Danubju u l-Baħar Mediterran) billi tippreżenta proġetti potenzjali. Din tikkostitwixxi biss eżempju mhux restrittiv. Se jitqiesu l-proġetti kollha konformi mar-rekwiżiti ppreżentati f'din is-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess. Il-proġetti li jiffokaw fuq l-applikazzjoni ta' soluzzjoni rilevanti u diġà eżistenti li ġejjin minn żona ta' baċir oħra, jew li għandhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà/adozzjoni huma mħeġġa wkoll.

- L-iżvilupp tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) u l-ippjanar integrat tal-art jew l-ippjanar strateġiku sostenibbli
- L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr karbonju jew newtrali għall-karbonju biex titnaqqas id-dipendenza globali tagħhom mill-importazzjonijiet iżda lejn territorji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju
 - Il-produzzjoni rinnovabbli fuq skala ta' gżejjer għall-awtonomija enerġetika

- L-iżvilupp ta' trasport pubbliku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew mingħajr emissjonijiet tal-karbonju fuq l-art jew fil-baħar
- L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet biex tiġi żviluppata r-reżiljenza kostali (eż. avvenimenti estremi u ż-żieda fil-livell medju tal-baħar)
- Il-produzzjoni sostenibbli tal-ilma (eż. desalinazzjoni)
- L-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari, ġestjoni tal-iskart u tnaqqis tat-tniġġis tal-baħar komprensivi (trattament u tnaqqis tal-iskart)
- L-iżvilupp jew it-titjib tal-effettività tal-erja protetta tal-baħar jew kostali għal dawk eżistenti lejn erjas kompletament protetti
- Azzjonijiet ta' protezzjoni u restawr għall-ħabitats kostali u tal-baħar.

X'qed jiġi offrut?

L-Objettivi tal-assistenza teknika

L-objettiv tal-assistenza teknika huwa li tappoġġja lill-applikanti jkunu ngrażlu fl-iżvilupp, fil-faċilitazzjoni u fit-tiżni tal-azzjonijiet tagħhom li jikkontribwixxu għal waħda jew aktar mill-miri tal-Missjoni Oċean u Ilmijiet.

L-assistenza teknika għandha taqbel mal-ħtiġijiet, mal-kapaċità u mal-interessi tal-applikanti, billi tipprovdi **appoġġ espert infassal apposta** għall-proġetti tal-applikanti dwar dimensjonijiet ewlenin bħal dawk **regolatorji, tekniċi, ekonomiċi, operazzjonali, ambjentali, u l-fattibbiltà kummerċjali**. Jekk jogħġbok innota li l-ebda appoġġ finanzjarju mhu se jiġi offrut fl-ambitu ta' dan l-appoġġ għall-assistenza teknika.

L-istudji ta' fattibbiltà għandhom jipprovdu valutazzjoni tal-**vijabbiltà ġenerali tal-proġetti**, li tiddefinixxi r-riskji, l-opportunitajiet, u l-probabbiltà ta' suċċess u li tanalizza jekk il-proġetti pjanati humiex legalment, teknikament, finanzjarjament, ekonomikament, operazzjonalment, ambjentalment, u kummerċjalment ġustifikabbli u fattibbli. L-istudji għandhom jipprovdu wkoll rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' **tittejjeb il-fattibbiltà** ta' azzjonijiet magħżula.

Il-benefiċċjital-assistenza teknika

L-assistenza teknika hija **programm ta' taħriġ esklużiv u xprunat mill-impatt** għall-firmatarji magħżula tal-Karta tal-Missjoni tal-UE Oċean u Ilmijiet, li jikkonsisti f'appoġġ espert biex jiġi analizzat u jittejjeb kull proġett. L-assistenza teknika għandha **tifassal apposta skont il-maturità u l-objettivi ta' kull proġett** u tappoġġja l-ilħuq tal-miri magħżula tal-Missjoni.

Prattikament, l-assistenza teknika għandha tipprovdu **għarfien espert u gwida** li jikkomplementaw il-ħiliet u l-kapaċitajiet tat-timijiet tal-proġett tiegħek, fil-forma ta' **analiżi, pariri strateġiċi u appoġġ prattiku** f'dimensjonijiet differenti tal-proġett.

Permezz tal-assistenza teknika, il-benefiċjarji li jkunu ngrażlu għandhom jiksbu fehim aktar ċar tal-fattibbiltà u/jew tar-rekwiżiti tal-proġett biex iżidu u jiżviluppaw aktar il-proġett. Potenzjalment inti tista' tikseb il-benefiċċji li ġejjin:

- Enfasi mtejba tat-tim tal-proġett
- Identifikazzjoni ta' opportunitajiet ġodda
- Replikazzjoni ta' soluzzjoni diġà eżistenti żviluppata minn parti kkonċernata oħra
- Akkwist ta' informazzjoni siewja għal deċiżjoni "favur/kontra"
- Prijoritizzazzjoni mtejba tal-alternattivi tan-negozju
- It-tiżni tar-raġunament għat-twettiq ta' proġett.

Servizzi li għandhom jiġu pprovduti

Ġie żviluppat sett ta' 10 pakketti ta' assistenza teknika, kull wieħed minnhom relatat ma' dimensjoni ta' fattibbiltà u li jkopri firxa ta' kampjuni ta' attivitajiet ta' appoġġ. Il-pakketti ta' assistenza teknika se jingħataw permezz ta' sejniet regolari u fil-laqgħat bil-preżenza fiżika (aktar informazzjoni tista' tinstab fit-taqsim [Pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-assistenza teknika](#)).

Dawn il-pakketti għandhom l-għan li jipprovdu lill-applikanti fehim ċar ta' x'qed jiġi offrut bħala parti mill-assistenza teknika u kif dan jallinja mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u b'hekk jgħin视角 iħejju l-Espressjoni ta' Interess tagħhom b'mod effettiv.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li filwaqt li dan il-qafas għandu jservi bħala gwida inizjali għall-applikanti, is-servizz għandu jiffassal apposta skont il-ħtiġijiet tal-proġett matul l-istadji tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni u tal-iżvilupp tal-pjan ta' assistenza teknika. Bħala tali, il-pjan ta' assistenza teknika għandu jindika l-isfidi li għandhom jiġu indirizzati, l-attivitajiet proposti, ir-riżultati mistennija u l-KPIs li jistgħu jitkejlu għal kull pakkett ta' assistenza li huma allinjati mal-qafas ġenerali iżda speċifiċi għall-ħtiġijiet ewlenin tal-proġetti magħżula.

Bħala applikant, tista' tagħżel sa tliet pakketti li tqis l-aktar rilevanti għall-proġett tiegħek.

Se tkun tista' tagħżel ukoll għażla "Oħra", biex tindika oqsma ta' appoġġ addizzjonali li tqis rilevanti u li mhumiex koperti mill-pakketti ta' assistenza proposti.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn il-pakketti ta' assistenza proposti, flimkien mad-dimensjoni tal-fattibbiltà li huma relatati magħhom u deskrizzjoni indikattiva tal-attivitajiet.

Tabella 1 Lista tal-pakketti ta' assistenza teknika proposti

L-isem tal-pakkett ta' assistenza	Dimensjoni tal-fattibbiltà	Deskrizzjoni indikattiva tal-attivitajiet
Analiżi tal-fattibbiltà tal-prodott, tas-servizz u tat-teknoloġija	Teknika	<ul style="list-style-type: none"> • Identifikazzjoni tat-teknoloġija jew tas-servizz • Valutazzjoni tat-TRL u titjib tas-soluzzjoni • Analiżi tar-rekwiżiti tekniċi • Analiżi tar-riżorsi tekniċi meta mqabbla mal-kapaċità • Parametraġġ referenzjarju mal-pari • Valutazzjoni tar-replikabbiltà u l-iskalabbiltà potenzjali ta' prodott, ta' servizz jew ta' teknoloġija
Kummerċjalizzazzjoni	Kummerċjali	<ul style="list-style-type: none"> • Riċerka u analiżi tas-suq, inkluż għarfien dwar l-opportunitajiet tas-suq, id-domanda u l-kompetizzjoni • Stima tas-suq li jista' jiġi indirizzat kompletament • Skoperta u raffinar ta' prodott adattat għas-suq • Involvement tal-utent/analiżi tal-partijiet ikkonċernati • Tfitxija għas-sieħeb • Definizzjoni ta' strateġiji għall-promozzjoni tal-proġetti

L-isem tal-pakkett ta' assistenza	Dimensjoni tal-fattibbiltà	Deskrizzjoni indikattiva tal-attivitajiet
Il-fattibbiltà ekonomika u t-tnejja għall-investment	Ekonomika/ Finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> • Kalkolu tal-argument għall-vijabbiltà • Żvilupp jew evalwazzjoni tal-mudell tan-negozju (diliġenza dovuta), inkluża stima ta' indikaturi finanzjarji ewlenin bħal CAPEX, OPEX, dħul, ROI, VPN, eċċ. • Analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-ispejjeż • Valutazzjoni tar-riskju ekonomiku u finanzjarju • Żvilupp tal-kunċett ta' investment
Aċċess għall-finanzi u l-ġbir ta' fondi	Ekonomika/ Finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> • Definizzjoni ta' strateġija ta' ġbir ta' fondi (għotjiet, ekwità, dejn) • Ottimizzazzjoni tal-pjan tan-negozju u finanzjarju • Tnejja tal-proġett għall-konformità mar-rekwiżiti tal-investitur • Identifikazzjoni u kollegament ma' investituri xierqa • Farsa ġenerali lejn id-dokumentazzjoni u t-tnejja • Preżentazzjoni tal-investitur u tnejja tan-negozjati • Analiżi tar-riskji, l-isfidi, u d-dgħufijiet tal-proposti ta' investment • Appoġġ għall-iżvilupp ta' pjan tan-negozju u/jew finanzjarju, strateġiji għal ġbir ta' fondi (għotjiet, ekwità, self, finanzjament kollettiv), identifikazzjoni tal-investitur u tnejja tad-dokumentazzjoni, gwida dwar ir-raffinar tal-mudell finanzjarju ta' proġetti, analiżi tar-riskju u ottimizzazzjoni tal-kunċett tal-investment
It-titjib tal-operazzjonijiet u tal-kapaċità ta' eżekuzzjoni	Operazzjonali	<p>Dimensjoni interna:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Il-ġestjoni tal-proġetti, inkluż l-appoġġ għall-istabbiliment ta' KPIs għat-traċċar tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti • Eċċellenza operazzjonali • It-tfassil u l-forza tax-xogħol tal-organizzazzjoni • L-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għall-implimentazzjoni • L-iżvilupp ta' studji tal-każ • Parametru referenzjarju mal-pari u l-istabbiliment ta' mentoraġġ u skambju bejn il-pari • Ġestjoni tar-riskju operazzjonali <p>Dimensjoni esterna:</p> <ul style="list-style-type: none"> • L-ottimizzazzjoni tal-katina tal-provvista u tal-loġistika • Esternalizzazzjoni bħala assi strateġiku
It-tisħiħ u l-internazzjonalizzazzjoni	Operazzjonali/ Kummerċjali	<ul style="list-style-type: none"> • Pjan direzzjonali għat-tisħiħ tal-prodotti, tas-servizzi jew tat-teknoloġija

L-isem tal-pakkett ta' assistenza	Dimensjoni tal-fattibilità	Deskrizzjoni indikattiva tal-attivitajiet
		<ul style="list-style-type: none"> • Prontezza għall-internazzjonalizzazzjoni • Il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tas-swieq fil-mira u tal-opportunitajiet ta' negozju • Analiżi tar-regolamenti u l-politiki dwar l-esportazzjoni • L-identifikazzjoni tal-klijenti u tas-sħab rilevanti fis-swieq fil-mira
Parir regolatorju	Regolatorja	<ul style="list-style-type: none"> • Analiżi tal-oqfsa regolatorji applikabbli għall-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet previsti • Analiżi tal-istandards u r-reġimi applikabbli, inklużi eżempji ta' prattika tajba
